**Parlament Ewropew**

2014-2019

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2017/2206(INI)**

24.4.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-ksur tad-drittijiet tal-popli indiġeni fid-dinja, inkluż il-ħtif tal-art (2017/2206(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Heubuch

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li ż-żieda fl-akkwisti tal-art fuq skala kbira, prinċipalment sprunati mill-kummerċ agrikolu u l-industriji tal-forestrija, il-bijofjuwils u t-turiżmu, spiss twassal għal każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-ispostament tal-popli indiġeni, u t-teħid tal-kontroll tar-riżorsi naturali tagħhom, bħad-drittijiet tagħhom ta' utenti tal-ilma;

2. Ifakkar fl-Artikolu 21 tat-TUE, l-Artikolu 208 tat-TFUE u l-objettiv prevalenti tiegħu tal-qerda tal-faqar, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-fatt li l-UE hija marbuta b'approċċ lejn l-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet; jilqa' l-fatt li l-UE kkontribwiet għall-avvanz u r-rikonoxximent internazzjonali tad-drittijiet tal-popli indiġeni kif stipulat fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP); iqis, madankollu, li l-appoġġ għad-drittijiet tal-popli indiġeni għandu jiġi integrat aħjar fl-azzjoni tal-UE għall-iżvilupp, u b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs); ifakkar li l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp jagħmel enfasi partikolari fuq il-promozzjoni tad-drittijiet tal-gruppi l-aktar vulnerabbli, inklużi l-popli indiġeni;

3. Jenfasizza r-rilevanza għolja tal-SDGs fir-rigward tal-popli indiġeni, b'mod partikolari SDG 2 (żero ġuħ), 4.5 (aċċess għall-edukazzjoni) u 5 (l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel); itenni li l-popli indiġeni madwar id-dinja jsofru b'mod sproporzjonat minn ksur tad-drittijiet tal-bniedem, delitti, razziżmu, vjolenza, sfruttament tar-riżorsi naturali, problemi tas-saħħa u rati għoljin ta' faqar, li jammontaw għal 15 % ta' dawk li jgħixu fil-faqar filwaqt li jirrappreżentaw biss 5 % tal-popolazzjoni dinjija; jenfasizza li trid tingħata protezzjoni sħiħa u sal-inqas dettall lill-mexxejja indiġeni u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jitkellmu kontra l-inġustizzji;

4. Ifakkar li l-Aġenda 2030 tindirizza dawn il-kwistjonijiet ta' żvilupp tal-popli indiġeni, u jenfasizza li jenħtieġu sforzi ulterjuri għall-implimentazzjoni tagħha; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ il-Grupp Ewlieni tal-Popli Indiġeni għall-Iżvilupp Sostenibbli (IPMG) bħala l-mekkaniżmu globali għal koordinazzjoni u sforzi konġunti biex jiġu avvanzati l-prijoritajiet tad-drittijiet u l-iżvilupp ta' popli indiġeni; jistieden lill-Kummissjoni ittejjeb il-kuntatti mal-IMPG u biex tinkludi l-grupp fil-pjattaforma magħmula minn bosta partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs;

5. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill Ewropew għamel il-protezzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni prijorità, kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2017;

6. Ifakkar fl-impenn tal-UE li ssegwi approċċ għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet, li jinkludi r-rispett tad-drittijiet tal-popli indiġeni kif iddefiniti fil-UNDRIP, u jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari lejn il-prinċipji tal-obbligu ta' rendikont, il-parteċipazzjoni u n-nondiskriminazzjoni; jinkoraġġixxi bil-qawwa lill-UE sabiex tkompli bil-ħidma tagħha fuq it-tħaddim operattiv ta' dan l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fl-attivitajiet kollha ta' żvilupp u biex twaqqaf grupp ta' ħidma mal-Istati Membri għal dan il-għan; jitlob li l-pjan ta' implimentazzjoni rispettiv jiġi aġġornat bi skedi ta' żmien u indikaturi ċari biex jitkejjel il-progress;

7. Ifakkar fl-Artikolu 208 tat-TFUE u fil-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp; jinnota bi tħassib li l-politiki tal-UE dwar l-enerġija, l-agrikoltura, il-kummerċ u l-investiment urew li huma l-kawżi tal-ħtif tal-art f'pajjiżi terzi, fejn akkwisti tal-art fuq skala kbira affettwaw b'mod negattiv l-aċċess tal-popli indiġeni għall-art; jiddeplora l-fatt li r-reviżjoni li għaddejja tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli s'issa naqset milli tintroduċi kriterji soċjali u ta' sostenibbiltà li jqisu r-riskju tal-ħtif tal-art; ifakkar li d-direttiva għandha tkun konformi ma' standards internazzjonali dwar id-dritt ta' pussess tal-art;

8. Jinsab allarmat dwar l-allegazzjonijiet li xi programmi ta' kooperazzjoni ffinanzjati minn għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA), notevolment il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u proġetti b'taħlita ta' finanzjament, affettwaw b'mod negattiv id-drittijiet tal-popli indiġeni; jistieden lill-Kummissjoni twettaq investigazzjoni xierqa dwar dawn l-allegazzjonijiet u biex tiżgura li l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet ikun ġie applikat b'mod strett u li jkun rispettat fil-proġetti kollha ffinanzjati mill-ODA, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-popli indiġeni; jiddispjaċih li l-programm REDD+ naqas milli jiżgura d-drittijiet ta' pussess tal-art għall-komunitajiet forestali lokali; jirrimarka li l-inizjattiva FLEGT, li ġiet stabbilita biex tindirizza l-qtugħ illegali tas-siġar, tista' tgħin biex jittejjeb il-programm REDD+ f'termini ta' governanza tal-foresti u l-infurzar tal-liġi; jilqa' l-fatt li l-Ftehim ta' Pariġi jappoġġa l-protezzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw l-inklużjoni tal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tal-popli indiġeni, fl-istrumenti kolla ta' mitigazzjoni u adattament domestiċi u internazzjonali u jitlob li jinħolqu mekkaniżmi effettivi ta' lment u ta' rimedju;

9. Jistieden lid-delegazzjonijiet tal-UE jsaħħu d-djalogu mal-popli indiġeni sabiex jidentifikaw u jipprevjenu l-każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu mekkaniżmu ta' lment amministrattiv effettiv għall-vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u impatti dannużi oħra kkawżati minn attivitajiet iffinanzjati mill-ODA bil-għan li jinbdew proċessi ta' investigazzjoni u ta' rikonċiljazzjoni; jenfasizza li dan il-mekkaniżmu għandu jkollu proċeduri standardizzati, ikun ta' natura amministrattiva, u b'hekk ikun komplementari għal mekkaniżmi ġudizzjarji;

10. Jenfasizza li l-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, u b'mod partikolari l-ftehimiet ta' sħubija volontarji (VPAs), jistgħu jaqdu rwol aktar sinifikanti fl-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet indiġeni u tal-foresti f'għadd ta' pajjiżi b'foresti tropikali, u jħeġġeġ lill-UE u s-sħab tal-VPA jippermettu lil dawn il-komunitajiet jaqdu rwol akbar fil-proċessi ta' politika nazzjonali; jitlob lill-UE tipprovdi aktar għajnuna finanzjarja u teknika lill-pajjiżi sħab sabiex tipproteġi, iżżomm fi stat tajjeb jew terġa' ġġib kif kienu l-ekosistemi forestali, inkluż billi ttejjeb il-governanza, tiċċara u ssaħħaħ il-pussess tal-art, tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-popli indiġeni, u biex tappoġġa ż-żoni protetti li jirrispettaw id-drittijiet tal-komunità;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu adottati miżuri speċifiċi biex tiġi indirizzata l-problema tal-bejgħ ta' njam għall-finanzjament ta' kunflitti armati, li jitwaqqaf il-fluss tal-injam ta' konverżjoni, u biex jitbiegħed l-investiment minn attivitajiet ta' ħsara għall-foresti li jirriżultaw fl-ispostament ta' komunitajiet lokali u indiġeni; jitlob lill-UE tadotta miżuri addizzjonali biex tappoġġa l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-foresti u l-komunitajiet

tagħhom u l-azzjonijiet biex dawn jerġgħu jinkisbu, u biex telimina d-deforestazzjoni mill-ktajjen ta' provvista tal-UE, bħala parti minn Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-UE dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u r-rispett tad-drittijiet ta' pussess tal-komunitajiet forestali;

12. Jistieden lis-sħab għall-iżvilupp iwettqu valutazzjonijiet bir-reqqa qabel ma jinbidel l-użu ta' art iddikjarata bħala "battala", "mistrieħa" jew "mhux użata", billi dan jista' jhedded l-għajxien tal-popli indiġeni u l-aċċess tagħhom għall-art, il-foresti jew ir-riżorsi naturali; ifakkar li l-popli indiġeni m'għandhomx jiġu spustati bil-forza mill-artijiet u t-territorji tagħhom, u li jekk ir-rilokazzjoni titqies neċessarja, il-popli milquta għandhom jirċievu kumpens ġust, ekwu u ekwitabbli; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-każ speċifiku tal-popli pastorali nomadiċi;

13. Ifakkar li 80 % ta' foresti madwar id-dinja jikkostitwixxu artijiet u territorji tradizzjonali ta' popli indiġeni; jenfasizza r-rwol vitali ta' popli indiġeni għal ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-preservazzjoni tal-bijodiversità; ifakkar li l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) tappella lill-istati partijiet tagħha jirrispettaw l-għarfien u d-drittijiet tal-popli indiġeni bħala salvagwardji fl-implimentazzjoni tal-programm REDD+; iħeġġeġ lill-pajjiżi sħab jadottaw miżuri sabiex jinvolvu b'mod effettiv lill-popli indiġeni fil-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu;

14. Jistieden lill-pajjiżi sħab jiżguraw li l-popli indiġeni jkollhom aċċess universali għar-reġistri nazzjonali tal-popolazzjoni tagħhom bħala l-ewwel pass lejn ir-rikonoxximent tad-drittijiet individwali u kollettivi tagħhom; jitlob lill-UE tappoġġa lill-pajjiżi sħab fl-istabbiliment ta' uffiċċji tar-reġistru ċivili u fil-ġestjoni xierqa tagħhom;

15. Jiddeplora l-fatt li f'ħafna pajjiżi milquta mill-ħtif tal-art, l-aċċess effettiv għall-ġustizzja u r-rimedju għall-popli indiġeni u pastorali huwa limitat minħabba governanza dgħajfa u minħabba li d-drittijiet tal-art tagħhom spiss mhumiex formalment rikonoxxuti fl-oqfsa legali lokali jew nazzjonali; jinnota, pereżempju, li d-drittijiet għall-mergħat u l-mergħat komuni huma drittijiet tal-użu tal-art tradizzjonali bbażati fuq il-common law u mhux fuq drittijiet akkwiżiti tas-sjieda; iħeġġeġ lill-pajjiżi sħab jirrikonoxxu u jipproteġu d-drittijiet tal-popli pastorali u indiġeni, b'mod partikolari għas-sjieda konswetudinarja u l-kontroll tal-artijiet u r-riżorsi naturali tagħhom, kif stipulat fl-UNDRIP u l-Konvenzjoni 169 tal-ILO, jiġifieri billi tkun tista' ssir reġistrazzjoni kollettiva tal-użu tal-art u billi jiġu stabbiliti politiki mmirati biex jiżguraw aktar aċċess ekwitabbli għall-art; jitlob lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex b'mod attiv jappoġġaw lill-pajjiżi sħab f'dan u fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' kunsens liberu, minn qabel u infurmat għal akkwisti tal-art fuq skala kbira, kif stabbilit fil-Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti u f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-UE, barra minn hekk, tappoġġa lill-pajjiżi sħab fit-titjib tal-leġiżlazzjoni tagħhom dwar is-sjieda tal-art billi jirrikonoxxu d-dritt universali tan-nisa li jkollhom aċċess għall-art bħala proprjetarji sħaħ;

16. Jenfasizza bl-istess mod il-ħtieġa li jiġu rrispettati u promossi d-drittijiet tal-popli indiġeni u r-responsabbiltà tal-pajjiżi sħab biex jipproteġuhom b'mod sħiħ u effettiv; jiddeplora n-nuqqas ta' opportunitajiet għall-popli indiġeni biex jipparteċipaw fit-teħid

ta' deċiżjonijiet; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti d-drittijiet politiċi u soċjali tal-popli indiġeni, inkluż id-dritt li wieħed jivvota u li joħroġ għall-elezzjoni; jistieden lill-pajjiżi sħab jimpenjaw ruħhom biex itemmu d-diskriminazzjoni li taffettwa b'mod negattiv lill-popli indiġeni, u jitlob lill-UE biex tappoġġahom b'mod attiv f'dan il-proċess;

17. Jistieden lill-komunità internazzjonali tirrikonoxxi u tikkonsolida l-forom ta' governanza u rappreżentanza speċifiċi għall-popli indiġeni bil-ħsieb li jiġi stabbilit djalogu kostruttiv mal-awtoritajiet lokali, nazzjonali u reġjonali u mas-settur privat;

18. Jinnota li bejn 200 u 500 miljun ruħ mad-dinja kollha jipprattikaw il-pastoraliżmu u li l-pastoraliżmu huwa ċentrali għall-istrateġiji tal-għajxien f'reġjuni nexfin u muntanjużi tal-Afrika tal-Lvant; jenfasizza l-ħtieġa li jitrawwem il-pastoraliżmu sostenibbli sabiex jintlaħqu l-SDGs; jinkoraġġixxi lill-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-Arkitettura tal-Governanza Afrikana (AGA), u b'mod partikolari, il-Qorti Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, sabiex jimplimentaw il-Qafas ta' Politika tal-Unjoni Afrikana dwar il-Pastoraliżmu fl-Afrika u, b'mod aktar ġenerali, biex jirrikonoxxu d-drittijiet tal-popli pastorali u indiġeni relatati tas-sjieda komunali tal-artijiet tal-antenati, id-dritt tagħhom li jiddisponu liberament mir-riżorsi naturali tagħhom u d-drittijiet tagħhom għall-kultura u r-reliġjon;

19. Jenfasizza d-diskriminazzjoni multipla li jħabbtu wiċċhom magħha n-nisa indiġeni, li huma partikolarment affettwati min-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni, l-impjiegi u s-servizzi mediċi u soċjali, u li għalhekk huwa aktar probabbli li jkunu vittmi tat-traffikar u l-vjolenza; jitlob lill-UE u lill-pajjiżi sħab irawmu l-emanċipazzjoni tan-nisa indiġeni, b'mod partikolari billi jsaħħu d-dritt tagħhom għall-aċċess ugwali għar-riżorsi produttivi, inkluż id-dritt tagħhom għas-sjieda, u l-inputs agrikoli;

20. Jirrimarka li n-nisa u ż-żgħażagħ fil-komunitajiet indiġeni għandhom id-dritt għas-saħħa sesswali u riproduttiva; jitlob li jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq dawn il-kwistjonijiet;

21. Jinnota bi tħassib li r-riskji għad-drittijiet tal-bniedem assoċjati mat-tħaffir fil-minjieri, l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass jaqgħu b'mod sproporzjonat fuq il-popli indiġeni; jistieden lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp iwettqu valutazzjonijiet obbligatorji tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem qabel l-attivitajiet ġodda kollha f'dawn is-setturi u biex jiżvelaw ir-riżultati li jkollhom; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni li tirregola l-għoti ta' konċessjonijiet tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-kunsens liberu, minn qabel u informat; jirakkomanda li l-istandards tal-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industrij Estrattivi (EITI) jitwessgħu biex jinkludu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-komunitajiet lokali u indiġeni;

22. Jistieden lis-sħab tal-UE fis-settur privat u s-settur pubbliku jipprovdu informazzjoni kompluta u aċċessibbli dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li spiss kienu assoċjati mal-industriji estrattivi jew ċerti proġetti ta' żvilupp u dokumentati b'rabta magħhom (bħal żieda fil-każijiet ta' vjolenza sesswali kontra nisa u tfal indiġeni, inklużi dawk b'diżabilitajiet, il-każijiet ta' qtil extraġudizzjarju, id-degradazzjoni tal-art u t-tniġġis tas-sorsi tal-ilma u l-art), kif ukoll informazzjoni dwar il-proċessi ta' rilokazzjoni u l-karatteristiċi proċessi ta' risistemazzjoni alternattiva;

23. Jenfasizza li l-ftehimiet bilaterali ta' investiment jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv id-drittijiet tal-popli indiġeni u jillimitaw il-parteċipazzjoni tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet; ifakkar fid-dritt tal-gvernijiet li jistabbilixxu regoli fl-interess pubbliku; ifakkar ugwalment li l-ftehimiet ta' investiment internazzjonali għandhom ikunu konformi mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-popli indiġeni, u jitlob trasparenza akbar f'dan ir-rigward, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' proċeduri u mekkaniżmi ta' konsultazzjoni adegwati f'kooperazzjoni mal-popli indiġeni; jistieden lill-istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp li jiffinanzjaw l-investimenti biex isaħħu s-salvagwardji tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom biex jiżguraw li l-isfruttament tal-art u r-riżorsi fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ma jwassal għal ebda ksur jew abbuż tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-popli indiġeni;

24. Iħeġġeġ lill-UE tiżgura li l-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment kollha tagħha jinkludu dispożizzjonijiet dwar valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem *ex ante* u *ex post* obbligatorji u indipendenti, rekwiżiti ta' diliġenza dovuta u mekkaniżmi effettivi ta' għoti ta' rendikont; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati bażijiet ta' data sabiex jiġu rreġistrati u żvelati b'mod sistematiku ftehimiet dwar l-art f'pajjiżi terzi li jinvolvu atturi tal-UE sabiex tiġi żgurata trasparenza akbar u, fl-aħħar mill-aħħar, aktar għoti ta' rendikont;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel il-Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti vinkolanti għall-Pjan ta' Investiment Estern; jinsisti li dawn isiru vinkolanti għall-azzjoni esterna kollha tal-UE ffinanzjata mill-ODA;

26. Ifakkar li l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tiddefinixxi kemm l-obbligi domestiċi kif ukoll dawk extraterritorjali għall-istati fir-rigward tad-dmirijiet tagħhom biex jipprovdu aċċess għal rimedji għall-vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-UE tieħu miżuri biex iżżomm lill-entitajiet korporattivi u finanzjarji Ewropej responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi u tipprovdi mekkaniżmi ta' rimedju, ta' lment u ta' sanzjoni effettivi, inkluż f'każijiet ta' involviment tagħhom fil-ħtif tal-art.

27. Jiddispjaċih dwar in-nuqqasijiet serji tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Protezzjoni, Rispett, Rimedju" u l-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, kemm fir-rigward tad-drittijiet tal-popli indiġeni kif ukoll id-drittijiet tal-art; jitlob lill-UE tieħu sehem b'mod kostruttiv fil-ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti biex tirregola, fil-qafas tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-attivitajiet ta' korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi oħra ta' negozju; iħeġġeġ lil tali korporazzjonijiet, filwaqt li dan il-proċess għadu għaddej, biex jirrikonoxxu l-Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti f'kodiċi ta' kondotta tan-negozju jew oqfsa volontarji oħra; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni, li l-pjanijiet tagħha ntlaqgħu tajjeb mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2016, biex tniedi, bħala l-ewwel pass, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar Imġiba Responsabbli fin-Negozju;

28. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma li nbdiet fit-tħejjija ta' Trattat vinkolanti tan-NU dwar in-

Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, li huwa maħsub li se jsaħħaħ ir-responsabbiltà soċjali korporattiva u jrażżan l-impunità; jiddispjaċih għal kull imġiba li tkun ta' ostakolu fir-rigward ta' dan il-proċess, u jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipparteċipaw b'mod kostruttiv f'dawn in-negozjati;

29. Jissottolinja li x-xejriet ta' konsum tal-UE jaffettwaw lill-popli indiġeni, pereżempju, minħabba l-isfruttament tar-riżorsi naturali; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tiżgura koerenza u konsistenza fil-politiki kollha tagħha u li taġixxi b'mod responsabbli fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp; jitlob ulterjorment lill-UE biex sistematikament tevalwa l-impatt tal-politiki tagħha ta' żvilupp, tal-agrikoltura, tal-kummerċ u l-enerġija fuq l-għajxien tal-persuni l-aktar vulnerabbli;

30. Jenfasizza r-rabta bejn id-dritt tal-ikel u d-drittijiet tal-art għall-popli indiġeni; jirrimarka li, skont ir-rapport tan-NU dwar l-Istat tal-Popli Indiġeni tad-Dinja, il-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda bħalma huma żrieragħ imtejba, fertilizzanti u pestiċidi kimiċi, l-introduzzjoni ta' kultivazzjoni għall-qligħ, u skemi ta' pjantaġġuni kbar ikkawżaw id-degradazzjoni ambjentali u qerdu l-ekosistemi, u b'hekk affettwaw ħafna komunitajiet indiġeni sal-punt li dawn ġew sfurzati jirrisistemaw ruħhom xi mkien ieħor; jikkritika l-fatt li importazzjonijiet mhux sostenibbli minn pajjiżi terzi, bħaż-żejt tas-sojja u tal-palm, li normalment ikunu ġejjin minn monokulturi, spiss jirriżultaw fil-qerda ta' foresti, u b'hekk ġew distrutti l-ħabitats u l-popli indiġeni li kienu jgħixu hemm; jitlob, sadanittant, l-introduzzjoni ta' kriterji ta' sostenibbiltà għall-importazzjonijiet tal-proteina veġetali;

31. Jinnota li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti pproklamat l-2019 is-Sena Internazzjonali tal-Lingwi Indiġeni; jenfasizza li l-kultura hija fattur għall-iżvilupp;

32. Jiġbed l-attenzjoni għar-rwol li d-dijaspori jiżvolġu bħala interfaċċja mal-popli indiġeni u mezz ta' trażmissjoni tal-għarfien għalihom;

33. Jirrimarka li aħna fl-UE għad għandna ħafna x'jitgħallmu dwar, pereżempju, l-użu sostenibbli tal-foresti, mill-popli indiġeni, li, barra minn hekk, ftit li xejn jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima minħabba l-istil ta' ħajja tagħhom, iżda huma partikolarment affettwati minnu, minħabba n-nixfa jew id-deżertifikazzjoni, pereżempju, li jolqot b'mod partikolari lin-nisa;

34. Jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jieħdu impenji serji biex jinkludu tfal indiġeni b'diżabilitajiet fil-politiki, l-azzjonijiet u l-programmi kollha relatati mal-kooperazzjoni internazzjonali u r-relazzjonijiet esterni;

35. Iħeġġeġ lill-UE tiżgura li l-prinċipju ta' kunsens liberu, minn qabel u informat tan-nies b'diżabilitajiet li jgħixu f'komunitajiet indiġeni għandu jitqies fi kwalunkwe proġett ta' żvilupp tal-UE dwar il-popli indiġeni, billi jiżgura li l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni dwar kwalunkwe proġett sponsorjat jew iffinanzjat mill-UE dwar it-territorji indiġeni jkun aċċessibbli għall-persuni indiġeni b'diżabilitajiet.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.4.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 14<br>–: 0<br>0: 8 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Ignazio Corrao, Mireille D'Ornano, Nirj Deva, Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Cristian Dan Preda, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Eleni Theocharous, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Pál Csáky, Monika Vana |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 14 | + |
|---|---|
| ALDE | Paavo Väyrynen |
| ECR | Eleni Theocharous |
| EFDD | Ignazio Corrao, Mireille D'Ornano |
| GUE/NGL | Lola Sánchez Caldentey |
| S&D | Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Elly Schlein |
| VERTS/ALE | Maria Heubuch, Monika Vana |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 8 | 0 |
|---|---|
| ECR | Nirj Deva |
| PPE | Pál Csáky, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Cristian Dan Preda, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni